The Fgura Scout Group Talent Show 2019

Miġjub lilkom mill-Fgura Rover Crew

INTRODUZZJONI

Is-Sezzjoni tar-Rovers, magħrufa wkoll bħala l-'Crew', tilqa' fiha żgħażagħ ta' bejn it-18 u 26 sena, Ħafna minn dawn iż-żgħażagħ ikunu trawmu fl-iscouts, minn mindu jkunu tfal ċkejknin u fis-sezzjoni tar-Rovers, jingħatalhom l-ispazju biex huma wkoll ikunu ta' servizz għal ħaddieħor filwaqt li jsaħħu l-ħiliet tagħhom, kemm dawk fiżiċi, soċjali u wkoll ħiliet li tagħllmu fl-iscouting.

Fit-tifsira tagħha, li tkun Rover tfisser li sirt adult, rġiel u nisa onesti, ċittadini eżemplari li huma ppreparati biex iservu fil-kommunita'.

Il-liġi tar-Rovers hija l-istess liġi, kemm fil-kliem u fil-prinċipju, użata minn scouts ta' eta' iżgħar, bid-differenza li fir-Rovers nħarsu lejha mill-lenti adulta, fejn npartu l-interess personali f'interess komunitarju, fi proġetti u azzjonijiet ta' rieda tajba sabiex nkattru il-ġid fis-soċjeta'.

Il-fundatur tal-iscouts Lord Baden Powell, kien iħares lejn r-Rover Crew b'mod partikolari ħafna għax kien jemmen li ż-żmien tal-prova għal individwu huwa f'dan iż-żmien partikolari. Xhieda ta' dan huwa l-ktieb li kiteb huwa stess u li ġie ppubblikat fl-1922, fejn jispjega il-filosofija wara r-Rover Crew. Bit-titlu 'Rovering to Suċċess', f'dan il-ktieb naraw kif il-ħajja taż-żgħażagħ ta' dik l-eta' tiġi mqabbla ma' vjaġġ, u fuq dan il-vjaġġ jiltaqgħu ma' diversi ostakli. Jibda it-traġit fuq kenura fi xmara b'kurrent b'saħħtu u bi blat li faċilment jista' wieħed jaħbat u jweġġa' magħhom. L-istess xmara twassal għal direzzjonijiet opposti, u l-vjaġġatur ikun irid jagħżel. L-Għażla hija mportanti għax waħda twasslek għal aktar periklu, filwaqt li l-oħra twasslek għal vjaġġ trankwil.

F'dan il-ktieb impressjonanti u minkejja li nkiteb ħafna snin ilu, Baden Powell jwissi liż-żgħażagħ b'mod simboliku biex ma jinġarrux mal-vizzji tal-ħajja, bħal logħob tal-flus, alkoħol, sess, estremiżmu politiku jew reliġjuż. Iħeġġeġ liż-żgħażagħ biex

jingħaqdu flimkien u jagħmlu proġetti li jħallu impatt soċjali warajhom.

Illum il-Fgura Rover Crew tilqa' fiha numru sabiħ ta' żgħażagħ, li jiltaqgħu darba f'gimgħa u jħejju pjanijiet ta' kif ikunu jistgħu jassistu lill-istess grupp, kif ukoll jinvestu fil-ħiliet personali tagħhom skont il-programm tal-Crew. Il-Crew huwa mmexxi mill-Eżekutiv tar-Rovers li magħmul minnhom stess u megħjuna mir-Rover Crew Coordinator.

PIERRE DALLI

Sindku tal-Fgura

Għeżież Fgurin,

Huwa l-gost u pjaċir tiegħi li għall-ewwel darba ġejt mistieden biex nwassal il-messaġġ tiegħi f'dan il ktejjeb mill-Fgura Scouts, hekk ukoll għal dan il-Kunsill li beda leġislatura ġdida, b'kunsill ġdid u b'uċuħ ġodda, mħallta b'nies ta' aktar esperjenza, u b'ħidma li ser tkun varjata b'ideat differenti minn dik żagħżugħa, kif ukoll anzjana.

Wara, li issa l-Kunsill qed jibda jħejji l-ħidma tiegħu bħala pjanar għat-tul għal din il-leġislatura, dan il-Kunsill qed jaħdem biex ikompli jsebbaħ il-lokal tagħna fejn jidħol l-ambjent. Irridu naraw aktar siġar kif ukoll pjanti mxerrda mal-lokal tagħna. Għalhekk se jsir pjan kif ukoll stħarriġ pubbliku għax irridu nkunu nvoluti magħkom.

Proċess ieħor biex insaħħu l-kuntatt direct man-nies huwa s-servizz tal-Contract Manager. Din il-persuna ser tibda ddur fit-toroq ħalli b'hekk ikollna aktar attenzjoni u moniteraġġ fit-toroq u l-ġonna tagħna.

Min-naħa ta' attivitajiet, dan il-Kunsill ser jibqa' jżid dawk edukattivi kif ukoll sportivi. Fil-fatt, għadna kemm kellna waħda mill-ikbar u mill-isbaħ Car Free Day. Esperjenza li ż-żgħażagħ tagħna gawdew ġurnata mimlija b'attivitajiet sportivi kif ukoll edukattivi fi Triq Hompesch. Hekk ukoll f'dawn il-jiem li ġejjin, niċċelebraw Jum Il-Fgura, ġimgħa mimlija attivitajiet, fejn nipruvaw nolqtu lil kulħadd,

kemm b'attivitajiet bħall-ħarġa nteressanti u edukattiva, kif ukoll bil-premjazzjoni ta' Ġieħ il-Fgura.

Din is-sena ser jitkomplew u jiżdiedu l-korsijiet ġewwa s-sala tal-Kunsill fosthom l-Erobika, ż-Żumba, Yoga, Ballroom u line Dancing. Dawn ser ikunu b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Min-naħa ta' edukazzjoni ser inkomplu l-korsijiet ta' tagħlim u wirjiet fil-foyer tal-Kunsill. Bħala midja soċjali, dan il-Kunsill ser jara kif ser jibda jsir kuntatt dirett mal-Kunsill b'aċċess għal kulħadd u b'hekk inkunu qed nagħmlu pass importanti għax bl-ilmenti li intom twasslu, tkunu tafu min hija l-persuna responsabbli minn dak id-dekaster. Dan ifisser kuntatt dirett bejnietna, bejn il-Kunsill u r-resident li qed iressaq l-ilment.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nitlob l-għajnuna tagħkom biex nkomplu nimxu l-quddiem. Il-Fgura illum, bħala popolazzjoni taqbeż 'il fuq minn 12,429 u kalkolu mhux uffiċjali huwa ta' 1000 ruħ barrani oħra, fejn dan ifisser aktar sfidi u ħidma li mhux faċli li ssolvi

l-kwantita' kbira ta' problemi f'daqqa. Imma persważ li flimkien naslu għal Fgura aħjar.

Grazzi
Pierre Dalli
Sindku Fgura

JAMES BALDACCHINO

Fgura Group Scout Leader

Kull sentejn, il-grupp jieħu ĦAFNA xogħol biex jorganizza Talent Show biex il-membri jkollhom opportunita' juru t-talenti tagħhom. Intom u titpaxxew b'dawn it-talenti li ser taraw quddiemkom il-lejla, żommu f'moħħkom it-talent fenomenali ta' dawk kollha li għalkemm mhux neċċesarjament se jidhru fuq il-palk, ħadu ħsieb jorganiżżaw din is-serata. Dis-sena b'mod partikolari, inħossni kburi ħafna ngħid li t-Talent Show ġiet organizzata mir-Rover Crew tagħna u għalhekk kull ċapċipa li se ċċapċpu l-lejla, ċapċpuha għalihom ukoll.

BRIAN FARRUGIA

Leader tal-Fgura Rover Crew

Sirt parti mill-familja tal-iscouts fl-1991, dak iż-żmien mal-1st Cospicua Scouts Group, fejn hemmhekk tgħallimt ħafna mill-ħiliet personali tiegħi. Wara 'l fuq minn għaxar snin nieqes mill-iscouts, bis-saħħa tat-tfal tiegħi erġajt sirt attiv, u llum nħaddan responsabilitajiet important fi ħdan il-Fgura Scouts Group, bħala Rover Crew Coordinator, Assistant Venture Scout Leader u membru fil-Kunsill tal-ġenituri. Dan ma kien ikun qatt possibli li kieku ma ngħix il-prinċipji tal-moviment ta' l-iscouts, li fuq kollox jigwidawna sabiex nkunu dejjem ta' servizz lejn ħaddieħor u lejna nfusna.



RYAN ZERAFA

Chairperson tal-Fgura Rover Crew

Jien Ryan, ic-chairman tal-Fgura Rover Crew. Ilni scouts dawn l-aħħar 14-il sena. L-iscouts għini ħafna insaħħaħ il-karattru tiegħi għax-xogħol, kif ukoll għall-ħajja ta' kuljum. Bħala passatempi jien nħobb niġbed ir-ritratti tal-ajruplani. Ilni naħdem fl-industrija tal-ajruplani dawn l-aħħar 3 snin. Ir-rover crew qiegħed jgħini biex inkun leader fis-snin li ġejjin u ngħin sections oħra fejn ikun hemm bżonn.

JUSTIN MAGRO

Segretarju tal-Fgura Rover Crew

Jien Justin u għandi 19-il sena, Inħobb insiefer. Ilni fl-iscouts 12-il sena. Għadni kemm lestejt il-kors ta' structure technician fuq l-ajruplani u bħalissa qiegħed naħdem l-Sr Technics. Lili l-iscouts għini ħafna f'ħajti. Għini nissoda il-karattru tiegħi u bħalissa qiegħed nagħmel parti mill-eżekuttiv tar-rover crew, li qed jgħini nagħmel pass ieħor il quddiem biex inkun nista' nilħaq leader, u ngħin lil sections oħra tal-grupp. B'hekk nagħti lura lil memberi żgħar tal-grupp tagħna dak li tgħallimt jien meta kont tal-eta' tagħhom.

KEITH ABELA

Teżorier tal-Fgura Rover Crew

Jien Keith u għandi 22 sena. Bħalissa qiegħed fl-aħħar sena tal-kors tal-inġinerija fl-Universita' ta' Malta. L-iscouts insibu bħala ħin ta' żvog, kif ukoll mezz ta' kif nitgħallem affarijiet ġodda u kif naħdem f'team. Apparti li nattendi fis-sezzjoni tar-Rovers, jien ngħin ukoll bħala leader fis-sezzjoni tat-troop, kif ukoll indoqq mal-banda tal-grupp. Ilni fl-iscouts minn meta kelli 7 snin, u għalhekk issa nħoss li għandi nagħti xi ħaġa lura lil tfal u nies oħra. Jien inħoss li dan huwa l-għan ewlieni tal-iscouts fid-dinja kollha.

HANNAH HARMER

Membru tal-Fgura Rover Crew

Jien Hannah u għandi 19-il sena u bħalissa qiegħda fit-tieni sena tal-kors tal-psikoloġija fl-Universita' ta' Malta. Ilni membru fl-scouts tal-Fgura 12-il sena u nagħmel parti mis-sezzjoni tar-Rovers. L-iscouts għalija nqisu bħala break mil-ħajja mgħaġġla ta' studenta u nieħu gost ngħin f'sezzjonijiet oħra, nidħaq daħka tajba u dejjem nitgħallem xi ħaġa ġdida. L-iscouts għeni wkoll fil-ħajja ta' kuljum fejn drajt iżjed naħdem f'team, kif nipjana l-affarijiet b'reqqa, kif ukoll nosserva u naħseb f'soluzzjonijiet differenti.

KARL ABELA

Membru tal-Fgura Rover Crew

Jien Karl u għandi 18-il sena. Jien persuna pjuttost kwiet u xi kultant ftit mistħi wkoll. Jien inħobb l-arti, u għaldastant, bit-talent tiegħi, qed nistudja il-Fine Arts l-MCAST. Jien għandi għal qalbi ħafna l-annimali u nħobb nilgħab il-futbol. Apprati li nattendi b'mod regolari mal-iscouts, jien membru attiv fl-għaqda tal-mużew ukoll. Għalija l-iscouts huwa mod ta' kif nagħmel ħbieb ġodda b'mod daqxejn iktar avventuruż mis-soltu.

TRACY ZERAFA

Membru tal-Fgura Rover Crew

Jiena Tracy u għandi 24 sena. Mill-Fgura imma noqgħod iż-Żejtun. Minn dejjem kont inħobb l-iscouts. Bdejt ta' eta' żgħira mal-girl guides ta' Cospicua imma ta' 7 snin bdejt mal-Fgura scout group u issa ilni 17-il sena nattendi. L-iscouts għalija ifisser ħafna għax f'dan iż-żmien kollu, tgħallimt ħafna affarijiet differenti. Mhux kif jaħsbu ċertu nies, l-iscouts mhux kemm itella' tinda, imma kemm tagħmel ħbieb ġodda u kemm titgħallem kif għandek taħdem f'tim. L-iscouts lili għallimni kif għandi inkun indipendenti fil-ħajja ta' kuljum.

RUSSELL CAMILLERI

Membru tal-Fgura Rover Crew

Jien Russell u għandi 18-il sena. Bħalissa qed naħdem u nistudja biex nilħaq accountant. Ilni scouts madwar 11-il sena u bħallissa qed nagħmel parti mir-rover crew. L-iscouts għini ħafna nissoda u nifforma il-karattru tiegħi fiż-żmien li għamilt parti minn din l-għaqda.

CHRISTIAN BUSUTTIL

Membru tal-Fgura Rover Crew

Jien ħa nagħlaq 20 sena u ili minn meta kelli 7 snin fl-iscouts. Bħalissa naħdem ta' kok il-Hilton, u fit-2 ta' Diċembru ħa nigradwa mill-ITS. Jien għandi għal qalbi ħafna id-delizzju tal-karozzi. L-iscouts għini ħafna fil-formazzjoni tiegħi, fid-dixxiplina u fis-'self-esteem' tiegħi. Min mindu tkun żgħir tiġi mgħallem kif tieħu ħsieb tiegħek innifsek u tkun indipendenti. Min jaf kemm-il darba qlajt xi kastig għax kont fuq ruħi, iżda dejjem sibt min jgħini u jixtieqli il-ġid avolja mhux dejjem qbilt magħhom. L-iscouts nista' ngħid li għini biex nagħmel ħbieb ġodda, anki barra min xtutna.

PROGRAMM

18:30	Seating
18:45	Opening of Show
19:00	Band Program
19:45	Appreciation Awards
20:00	Martial Arts
20:10	Solo (Amy Lanzon)
20:20	Nat Camille
20:30	Pack Performance
20:35	Rover Stunt
20:40	Solo (Alice Morana)
20:45	Solo (Alicia Zerafa)
21:00	Intervall

PROGRAMM

21:45	Rover Stunt – Compare/Part 2
21:55	Troop Part 1
22:10	Beavers Performance
22:20	Raffle
22:30	Troop Part 2
22:40	Ladies Performance
22:50	Ventures & Closure

SPONSORS

Kenneth
Hardware
Stores

www.khsmalta.com

Tel: 21693446 / 21691641 / 27292729

SPONSORS

SPONSORS

Accessorize

SPONSORS

Custon Car Centre
CEDRIC
CUSCHIERI
Prop
64, Carmel Street, Fgura FGR2104 - Malta
t +356 2166 7408 m +356 9947 7781
e cedric.cuschieri@gmail.com
www.custoncarcentre.com

SPONSORS

The Butcher Shop

Triq il-Karmnu
Fgura

Old Trafford Daily Needs

Triq il-Merħba
Fgura